# Niccolo' Isouard

*Ta'* C. M. De Caro

In-Nazzjonijiet ċivili, tista' tgħid kollha, ıħabirku kemm jifilħu biex ixerrdu u jkabbru l-fama u x-xogħol ta' dawk li fosthom ikunu kisbu isem sabiħ f'xi arti jew f'xi xjenza, jew li jkunu qabżu għal art twelidhom, u tarahom iwaqqfulhom statwi f'xi wesgħa ċentrali ta' l-ibliet, isemmu toroq għalihom, iqiegħdu xi lapida għall-wartanin fil-post fejn twieldu jew inkella fejn mietu...... u aħna l-Maltin?

Għall-pajżani msemmija tagħna — inħossni nistħi ngħid — ħadd ma ħaseb iwaqqaf xi statwa tassew, għaliex dawk li hemm il-Mall tal-Furjana ma humiex veri statwi, iżda busti: u dan mhux għajb għalina? U tgħid persunaġġi famużi aħna ewwilla ma għandniex? Kieku kelli nġib isimhom, wieħed wieħed, nig-bed fit-tul mhux ftit.

Kieku aħna kellna ftit tal-ħeġġa konna aħna nħallu lil *Niccolò Isouard* sal-lum mingħajr statwa, fil-qalba tal-Belt, f'xi ġnien pubbliku jew f'xi post ieħor xieraq?

Niccolò Isouard—aktar magħruf bħala "Niccolò de Malte"—huwa l-aqwa mużiċista ta' pajjiżna, li twieled fl-1775 u temm ħajjtu f'Pariġi fl-1818 u sa żmien ilu qrabatu kienu għadhom ħajjin fostna. Meta kien għadu żagħżugħ, Isouard kien telaq minn Malta u mar joqgħod għas-sebħ f'Pariġi—ċentru kulturali tad-dinja—u dan wara li kien kiteb f'Malta ħafna mużika għall-knejjes. Huwa kien ukoll pjanist ta' sengħa kbira. F'dik il-Belt kapitali huwa fis tħabbeb ma' l-akbar mużiċisti, fosthom ma' Boildieu—li iżda wara sar rival tiegħu. Hemm dlonk ħa fama tassew sabiħa.

Fl-1810 semma' l-ewwel darba l-aqwa opra tiegħu, jisimha "Cendrillon" li kellha suċċess hekk kbir li wara saret, tista' tgħid, fl-ibliet kapitali kollha ta' l-Ewropa: f'Londra dehret fit-Teatru "Lyceum" fis-sena 1876 u baqgħet issir fi Franza sa dawn l-aħħar żminijiet. Fl-1814 kiteb żewġ opri oħra: "Joconde" u "Colin et Jeannot" li ngħoġbu mhux ftit għall-ġmiel tagħhom, u dan barra minn xi opri oħra. Billi l-libretti ta' l-opri tiegħu kienu sbieħ u mill-aħjar, swewlu wisq għas-suċċess li għamel.

Isouard hu magħdud bħala l-ewwel wieħed li daħħal ġo Franza l-ħlewwa tal-melodija Taljana u għalhekk ismu huwa



storiku, sew kif kiteb Badger fil-"Guide of Malta". Il-Franċiżi, li jafu jistmaw biżżejjed il-ġenju ta' nies bħal dawn, qiegħdu l-bust tiegħu fit-Teatru ta' l-"Opera" u żejnu b'ismu waħda mit-toroq ewlenin ta' Pariġi... iżda Malta nsiet lil binha li għamlilha tant ġieh: il-għaliex barra banda mużikali li żżejnet b'ismu u triq tas-Sliema msemmija għalih xejn ma għandna li jfakkarna fih.

Isouard kiteb bosta opri oħra li saru b'suċċess kbir u biċċa minnhom sa żmien ilu kienu għadhom isiru, kif qalli min ħa sehem fihom huwa stess. Il-mużika tiegħu, kif igħidulna awturi tal-mużika kompetenti, hija drammatika, magħżula u mirquma.

Għalkemm qallibt u fittixt ma rnexxilix insib li xi impresarju pajżan tagħna qatt ħaseb biex isemmagħna xi wieħed mix-xogħlijiet tiegħu; jekk huwa hekk (għax bilkemm nista' nemmen), mhux tassew għajb għalina?!

---

## UGANDA

*Ta'* S. Gatt

Kulfejn timraħ il-għajn iħaddru s-siġar
bħal kwiekeb fis-smewwiet f'dil-art mifruxa.
Kulfejn il-pass jimtedd il-għana jidwi
t'agħsafar ta' kull daqs b'elf lewn minquxa...

Ftit bogħod minn xuixin irħula ċkejkna,
mgħammra bi djar ta' sura kerha u fqira
li fihom jgħixu nies nofshom għarwiena
li jafu ftit jew xejn mid-dinja kbira...

U tibki l-art dirgħajn li jtuha l-ħajja,
u tisħet dell il-mewt li jaħkem fuqha;
Tixtieq il-ħalib tagħti ta' sidirha
biex taqdi d-dmir għalih mn'Alla maħluqa...

Jgħix min jitwieled hemm il-ħajja mċaħħda
minn dak li l-ħajja titlob bħala ħajja;
Jitwieled, jgħix u jmut... bla ebda tama
'f darba jibdel minn ta' ħajtu l-grajja.

Iżda għalkemm magħluq ġo fih innifsu,
u f'qalbu ma tixgħelx tal-hena xrara,
Hu jinsa lilu nnifsu... għal ftit... u jiżfen
iż-żifna tat-tanbur u tas-suffara!...